***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u sitta u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru 2010 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici | Kunsillier |

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur C.Valletta fejn talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill approva li jiġi skużat.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

Fil-5.40pm il-laqgħa ġiet temporanjament sospiża.

Fis-6.00pm tkompliet il-laqgħa.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u ħamsa u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. **Punti li joħorġu mill-Minuti**

*4.1 Proġett tas-Suq*

- Ix-xogħol tal-*finishings* fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu u b'hekk ser isir it-tieni pagament kif ċertifikat mill-*Contracts Manager* ta' €30, 834.74.

- Inħareġ l-avviż għal-ġbir ta' kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *Airconditioners* għall-uffiċċju amministrattiv.

- L-Ing. Vella ntalab iħejji *specifications* għat-tender tax-xiri u nstallazzjoni tal-lift fl-Uffiċċju Amministrattiv. Il-ħlas dovut huwa dak ta' €265.00 + VAT.

Fis-6.30pm Dr. J.Abela daħal għal-laqgħa.

- Il-Kunsill approva *variation* fil-kuntratt tal-*finishings* għal-valur ta' €2,780.00 sabiex issir ir-*reception desk* komplut bil-ħġieġ fir-*reception area* tal-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill.

*4.2 Attivitajiet tal-Milied*

- *Armar tad-dawl*

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li mhux il-ħwienet kollha li wiegħdu li ser jipparteċipaw, preżentaw il-ħlas tagħhom. Huwa spjega wkoll li s-Sur Arthur Azzopardi għad għandu xi flus li jrid jgħaddihom lill-kuntrattur tad-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li minħabba l-problema ta' din is-sena, jirrakomanda li għas-sena dieħla l-Kunsill ma jidħol xejn fil-ġbir ta' fondi għall-armar tad-dawl.

Fis-6.30pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

- Attivitajiet Ħamrun Spartans

Wara l-iżvilupp li seħħ dawn l-aħħar jiem fejn irriżulta li fi Pjazza San Pawl kien hemm stalls li jbiegħu affarijiet li jbiegħu il-ħwienet tal-lokal, il-Kunsill iddeċieda li jikteb lis-Supretendent tal-Pulizija biex jinfurmah li l-Kunsill itenni d-deċiżjoni oriġinali tiegħu li jidħallew jarmaw biss b'affarijiet li ma jkunux ta' natura li jaffetwa l-ħwienet tal-Ħamrun.

## 5. **Korrispondenza**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn is-17 ta' Novembru u s-6 ta' Diċembru 2010.

*5.1 Transport Malta – Metal Barrier*

Il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta m'approvatx li titwaħħal ħadida fi Triq Giovanni Barbara k/m Triq is-Sewwieqa għaliex il-bankina hija anqas wiesa' minn 1.3m. Minkejja dan Transport Malta approvat li ssir *Sleeping Policeman* fi Triq Giovanni Barbara k/m Triq is-Sewwieqa.

5.2 *Transport Malta – 'Keep Clear Bay' fi Triq Dun Frans Camilleri*

Transport Malta approvat li ssir '*Keep Clear Bay*' fi Triq Dun Frans Camilleri quddiem l-entratura prinċipali tal-'*Metropolitan Complex'*.

5.3 *Transport Malta – 'Traffic Mirror' fi Triq Eldorado*

Transport Malta approvat li titwaħħal *Traffic Mirror* fi Triq Eldorado k/m Triq Brighella.

*5.4 Transport Malta – 'Road Hump' fi Triq Monsinjur De Piro*

Transport Malta infurmat lill-Kunsill li m'approvatx it-talba biex issir '*sleeping policeman'* fi Triq Monsinjur De Piro.

*5.5 Transport Malta – 'Single Yellow Line' fi Triq Nuzzo*

Transport Malta m'approvatx it-talba li ssir *'single yellow line'* fi Triq Nuzzo faċċata ta' garaxx numru 70. Huma talbu li jitneħħa s-'*single yellow line'* li hemm fil-preżent.

*5.6 Sur Joe Cordina – Litter Bin*

Is-Sur Cordina talab lill-Kunsill ineħħi l-*bin* li twaħħal f'tarf il-bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li ma jneħħix il-*bin* peress li din tinsab madwar żewġ metri l-bogħod mill-gallarija tiegħu.

*5.7 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Inizjattiva Ambjentali Vodafone*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu mhix waħda minn dawk magħżula biex tingħata l-għajnuna finanzjarja permezz tal-Inizjattiva tal-Vodafone.

*5.8 Sur Joe Camilleri – Plakka Kommemorattiva*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Camilleri fejn talab il-permess tal-Kunsill biex titwaħħal Plakka Kommemorattiva għas-Sur Victor Camilleri mal-monument li ġie finanzjat mill-familja Camilleri fi Triq Mountbatten k/m Triq San Ġorġ Preca. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*5.9 Sur Albert Magro Mallia - Infurzar*

Is-Sur Magro Mallia talab lill-Kunsill biex isir sorveljanza tal-parkeġġi riservati għall-*Blue Sticker Holders* minħaba li allega li dawn qed ikunu okkupati minn persuni mhux awtorizzati. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lill-Uffiċċjal Awtorizzat biex il-Gwardjani Lokali jissorveljaw dawn il-parkeġġi.

*5.10 Community of St. Egidio, Rome - Cities Against the Death Penalties*

Il-Kunsill ġie mitlub jissieħeb fil-moviment *'Cities for Life. Cities against the Death Penalties'*. Il-Kunsill approva li jissieħeb f'dan il-moviment.

*5.11 Hobbies Society - Ringrazzjament*

Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mill-Kumitat tal-Hobbies Society għall-opportunita' li l-Kunsill ta lill-Għaqda bil-parteċipazzjoni fil-Festival taċ-Ċikkulata ta' din is-sena. Huma tennew l-interess tagħhom li jipparteċipaw fl-attivita' tas-sena d-dieħla.

*5.12 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Attivitajiet b' Risq il-Community Chest Fund*

Id-Dipartiment talab lill-Kunsilli Lokali biex jindikaw l-inizjattiva li ser jorganizzaw b'risq il-Community Chest Fund. Is-Sindku spjega li waqt il-wirja tal-karozzi li saret il-Ħadd 28 ta' Novembru nġabru l-fondi għall-Istrina.

*5.13 Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – MEPA Notice Boards*

Il-Kunsill ġie mitlub jiproponi post fejn għandha titwaħħal in-*Notice Board* tal-MEPA fil-lokalita'. Il-Kunsill iddeċieda li n-*Notice Board* titpoġġa fi-ġnien quddiem il-Kunsill il-ġdid.

*5.14 Transport Malta - Communal Blue Sticker Badge Holders Parking Bay*

Transport Malta infurmat lill-Kunsill li kienet qed tikkonsidra li ssir Communal Blue Sticker Badge Holder Parking Bay fi Triq Manwel Magri. Il-Kunsill iddeċieda li ssir waħda fl-ewwel Parking Bay viċin il-Knisja tal-Kunċizzjoni.

*5.15 Kumitat għat-Tismija tat-Toroq – Isem ta' Triq Guido De Marco*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq ma jikkunsidrax li jista' jirrakomanda t-tibdil tal-isem tat-Triq Mountbatten għal-Triq Guido De Marco kif propost mill-Kunsill invista ta' dak li hemm preskrit fir-Regolament 4 tal-Att 176 ta' l-1995. Ġie deċiż li ssir talba oħra f'dan ir-rigward lill-Ministeru ta' l-Intern.

*5.16 Sinjura Marie Louise Cefai – U-Bars fi Triq Villambrosa*

Is-Sinjura Cefai kitbet lill-Kunsill fejn reġgħet talbet sabiex jitwaħħlu mill-ġdid iż-żewġ *U-Bars* li kien hemm quddiem r-residenza tagħha 134, Triq Villambrosa. Is-Sindku ssuġġerixxa li jekk jitwaħħlu dawn il-*U-Bars* għandha terġa' titwaħħal dik li kien hemm quddiem il-forn fi Triq Villambrosa. Dr. J.Abela spjega li tal-forn kien kellmu wkoll f'dan ir-rigward. Is-Sindku spjega li ser ikellem lill-Transport Malta biex jitwaħħlu l-*U-Bars* quddiem is-Sinjura Cefai kif ukoll quddiem il-forn.

*5.17 Għaqda Mużikali San Gejtanu – Stedina Attivita' tal-Milied*

Il-Kunsill ġie mistieden għall-bibita tal-Milied fl-Għaqda Mużikali San Gejtanu nhar il-Ħadd 26 ta' Diċembru 2010 fl-10.15am.

*5.18 Cutrico Services Ltd. – Refund tal-ħlas għal-dokument ta' offerta*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Cutrico Services Ltd fejn spjegaw li għalkemm xtraw id-dokument tal-offerta għall-*Finishings* tal-Parkeġġ huma ma jagħmlux ix-xogħol rikjest fit-tender. Għaldaqstant huma talbu *refund* ta' €100.00 li tħallas għad-dokument. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li dawn setgħu raw id-dokument qabel inxtara.

*5.19 Sur Charles Bartolo – Talba biex issir bankina fi Triq Atocia*

Is-Sur Bartolo talab lill-Kunsill biex terġa ssir bankina fi Triq Atocia quddiem ir-residenza tiegħu peress li vetturi jipparkjaw eżatt mal-bieb tar-residenza u jostakolaw id-dħul u ħruġ mid-dar. Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' uffiċċjal minn Transport Malta biex jiġi stabbilit x'jista' jsir biex tiġi solvuta din il-problema.

*5.20 Sur Christopher Muscat - Kunċert mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-*General Manager* tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali fejn staqsew jekk il-Kunsill jaqbilx li jittella' kunċert fl-aħħar ġimgħa ta' Jannar 2011 fl-Awditorjum tal-MUSEUM, Blata l-Bajda. Il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni li jsir il-kunċert.

*5.21 Greenpak – Rapport ta' nofs sena*

Il-kumpanija Greenpak preżentat rapport tas-separazzjoni li sar fil-Ħamrun matul l-ewwel sitt xhur tas-sena.

*5.22 Sur Jean Paul Bajada – Talba għal-żewġ bollards*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Bajada sabiex jitwaħħlu żewġ bollards quddiem il-ħanut tiegħu 'Nellas Hair Salon' fi Triq id-Duluri biex jiġi evitat li vetturi jaħbtu fil-faċċata tal-ħanut. Il-Kunsill iddeċieda li jirrefrei din it-talba għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill għall-Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża rebaħ it-tieni post. Il-Kunsill rebaħ trofew u €20,000.00 fi flus.

- Il-Kunsill approva li jixtri *laptop* Dell flimkien mas-*software* Office 2010 u *mouse* mingħand il-kumpanija Scan għall-prezz ta' €809.00 għal-*laptop*, €285.01 għall-Office 2010 u €6.50 għall-*mouse*.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ħa ritratti tal-Obelisk li hemm fil-bitħa tar-residenza fi Triq San Gejtanu. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob l-intervent tal-Onorevoli Dr. Mario De Marco sabiex dan jinħatt u jitpoġġa f'post prominenti tal-Ħamrun.

*6.2 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul informa lill-Kunsill li ntbagħat l-*email* lis-Sindku ta' Carpineto Romano kif kien ġie deċiż mill-Kunsill. Huwa żied jgħaid li sallum ma waslet l-ebda risposta.

*6.3 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li l-ewwel sensiela ta' laqgħat informattivi organizzati flimkien mal-Chemimart tlestew. Huwa spjega li ser issir laqgħa mal-Lister Pharmacy rigward sensiela ta' laqgħat oħra.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li l-fuljett ġie stampat u mqassam.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li ltaqa' ma' Kunsillier ta' Ruma li xtaq li jiltaqa' mal-Kunsill biex jiġi diskuss il-possibilta' li ssir xi ħaġa bejn ż-żewġ Kunsilli.

*6.4 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg ipproponiet lis-Sinjura Carmen Pace bħala membru ġdid fis-Sotto Kumitat 3 Anzjani. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 7. <u>Għażla ta' Offerta – *Road Patching Works*</u>

Il-Kunsill ġie preżentat b'kopja tar-rappot tal-Kumitat tal-Għażla li nħatar mill-Kunsill biex jevalwa l-offerti li daħlu għall-kuntratt – *Road Patching Works* (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Għażla li l-Kuntratt ta' *Road Patching Works* jingħata lill-Central Asphalt Ltd.

## 8. <u>Ħruġ ta' Tender – *Services of Cleaning and Maintenance of Soft Areas and Public Gardens.*</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt *Services of Cleaning and Maintenance of Soft Areas and Public Gardens* jiskadi fid-9 ta' Diċembru 2010.

Il-Kunsill approva li tinħareġ tender ġdida u li temporarjament jiġedded il-Kuntratt preżenti mal-Environment Landscaping Consortium Ltd sakemm jiġi ffirmat il-kuntratt il-ġdid.

## 9. <u>Kuntratt – *Services of Cleaning, Upkeep and Attendance of Public Convenience*</u>

Il-Kunsill innota li mhux qed ikun hemm attendant fil-latrina tal-Ħamrun kif stipulat fil-Kuntratt. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb uffiċjalment lill-Kuntrattur u jitolbu sabiex jieħu ħsieb li jkun hemm attendant wieħed bejn iż-żewġ latrini. Filgħodu għandu jkun hemm *attendant* fi Triq il-Ferrovija u filgħaxija fi Triq id-Duka ta' Edinburgh. F'każ li dan ma jsirx il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-Kuntrattur li ser jittermina l-kuntratt.

## 10. <u>Tiġdid tal-*Co-operation Agreement* mal-Kumpanija Greenpak</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-Co-operation Agreement propost mal-Kumapnija Greenpak għal-perjodu ta' sena.

Wara diskussjoni, l-Kunsill approva unanimament li jiġedded il-Co-operation Agreement mal-Kumpanija Greenpak għall-sena oħra.

## 11. Performance Bonus

*11.1 Maronia Bonello*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-iskrivana Maronia Bonello flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*11.2 Tiziana Bajada*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-iskrivana Tiziana Bajada flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*11.3 Fiorella Scicluna*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-iskrivana Fiorella Scicluna flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*11.4 Lydon Vella*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-iskrivan Lydon Vella flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*11.5 Philip Massa*

Is-Sindku qara l-*Performance Bonus* Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 10%.

## 12. Budget Annwali – Sena Finanzjarja Jannar sa Diċembru 2011

Il-Kunsill iddeċieda li jistenna li jkun jaf l-allokazzjoni finanzjarja tas-sena d-dieħla kif ukoll l-ispiża tal-kostruzzjoni tal-parkeġġ u l-Uffiċċju Amministrattiv qabel ifassal il-Budget għas-sena 2011.

## 13. <u>Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti</u>

*13.1 Karnival 2011*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltaqa' mas-Sur George Zahra fejn dan offra l-pariri tiegħu rigward attivita' għall-Karnival 2011. Ġie deċiż li ssir laqgħa tas-Sotto Kumitat biex issir sejħa sabiex jinġabru kwotazzjonijiet għall-attivita'.

*13.2 Okella Agius*

Dr. J. Abela spjega li ġie avviċinat minn resident li joqgħod Okella Agius li staqsa għalfejn kien waqaf it-tindif tal-Blokk. Is-Sindku spjega li t-tindif kien isir mill-Awtorita' tad-Djar u twaqqaf għaliex it-tindif kien qed isir għalxejn.

*13.3 Żbroff ta' Drenaġġ fi Triq id-Duluri*

Dr. J. Abela ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li meta tinżel ħafna xita, drenaġġ jiżbroffa fir-residenza tas-Sinjura Bajada li toqgħod 65, Triq id-Duluri. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien spezjona l-post flimkien mal-kuntrattur u rriżulta li l-*main* tad-drenaġġ ma jlaħħaqx meta tkun ħafna xita. Ġie deċiż li ssir spezzjoni mill-Perit jew *Contracts Manager* tal-Kunsill biex iħejji rapport tal-problema.

## *14. <u>Schedule of Payments</u>*

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sas-6 ta' Diċembru 2010. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 15. <u>Aġġornament</u>

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ser issir nhar il-Ħamis 13 ta' Jannar 2011.

| | |
|---|---|
| Vincent Bonello | Philip Massa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

DATA